# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Sittax (16) ta' Diċembru 2024**

**Rikors Numru 676/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Andre Spiteri (ID 308692M)**
**U**
**John Mary Spiteri (ID 454262M)**

**Vs**

**Malcolm John Cachia (ID 544881)**
**u**
**Argus Insurance Agencies, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u, b'digriet tas-27 ta' April 2021, Argus Insurance Company (Europe) Limited assumiet l-atti kollha**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 10 ta' Lulju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Andre Spiteri twieled nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju elf disa' mija tnejn u disgħin (1992);*

    2. *Nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), waqt li Andre Spiteri kien qiegħed isuq il-vettura appartenenti lir-rikorrenti John Spiteri, bin-numru JBZ898, huwa kien involut f'inċident mal-intimat Malcolm John Cachia, li kien qed isuq vettura bin-numru BBV467.*

3. *B'konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti Andre Spiteri sofra ġrieħi. gravi f'ġismu, inkluż f'idu x-xellugija u r-riġlu x-xellugi, li għadu jbati minnhom sal-lum. Ir-rikorrenti għadu sal-lum ibati; di fatti, dawn il-ġrieħi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna tal-esponenti, mhux biss ikkawżawlu debilità estetika, funzjonali u permanenti, iżda saħansitra affettwaw, qegħdin, u sejrin ikomplu jaffettwaw serjament (u naturalment b'mod negattiv) il-ħajja tiegħu, kemm fiżikament, kif ukoll moralment u psikoloġikament. Dan apparti numru ta' spejjeż, ħsarat oħra, u telf ta' qliegħ. Dan kollu se jiġi muri waqt il-kawża;*

4. *Apparti hekk, jeħtieġ illi jiġi ikkumpensat ir-rikorrenti John Mary Spiteri għad-danni sofferti, bħala s-sid tal-vettura bin-numru JBZ898, involuta fl-inċident.*

5. *Kif se jiġi muri waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat, dan kollu seħħ ħtija tal-intimat Malcolm John Cachia;*

6. *Għalhekk, l-intimati huma responsabbli għad-danni, u huwa obbligat skont il-liġi iħallas*

    a. *lir-rikorrenti Andre Spiteri id-danni kollha minnu mġarrba ai termini tal-artikolu 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' kwalunkwe liġi oħra, inkluż l-ispejjeż minfuqa, it-telf ta' qliegħ, id-danni fuq il-persuna tiegħu, id-danni ta' natura psikoloġika flimkien mad-danni morali, apparti danni oħra ;*
    b. *lir-rikorrenti John Mary Spiteri, sid il-vettura bin-numru JBZ898, il-ħsarat u d-danni kollha in konnessjoni mal-istess vettura;*

7. *Interpellati jersqu għal-likwidazzioni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-esponenti, l-intimati baqgħu inadempjenti.*

8. *Ir-rikorrenti Andre Spiteri, għalih u għar-rikorrenti l-ieħor, jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

***Raġuni tat-Talba***

1. *Ħtija tal-intimat, ir-rikorrenti sofrew danni.*

2. *Għalhekk kellhom jiġu mibdija dawn il-proċeduri.*

***Talbiet:***

*Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, previa kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra kollha sofferti miż-żewġ rikorrenti, kif fuq spjegat, b'konsegwenza ta' dak li seħħ fil-11 ta' Lulju 2017;*

2. *Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominandi, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti Andre Spiteri, skond il-Liġi, konsistenti dawn ukoll f'debilità funzjonali u permanenti, danni psikoloġiċi, danni morali, telf ta' qligħ futur, u danni u spejjeż oħra;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti Andre Spiteri d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli skont il-liġi;*

4. *Tillikwida wkoll, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti John Mary Spiteri, bħala s-sid tal-vettura bin-numru JBZ898;*

5. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti John Mary Spiteri d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli skont il-liġi;*

   *Bl-imgħax legali fuq iż-żewġ somom, min-notifika tal-ittra ġudizzjarja 2485/2018, u bl-ispejjeż kollha kont l-intimati li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2019, l-intimati **Malcolm John Cachia** u **Argus Insurancce Agencies Limited** laqgħu għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

   1. *Preliminarjament, is-soċjeta' Argus Insurance Agencies Ltd f'isimha personalment m'hijiex il-leġittima kuntradittriċi;*

   2. *Illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatti u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

   3. *Illi l-inċident tat-traffiku in kwistjoni ma seħħx b'tort jew xi nuqqas tal-intimat Malcolm John Cachia iżda seħħ unikament tort tal-attur Andre Spiteri u dan kif ħa jirriżulta waqt il-kawża;*

   4. *Illi għalhekk l-ebda mill-intimati m'għandhom jiġu kkundannati jħallsu ebda ammont lill-atturi;*

   5. *Illi, mingħajr preġudizziu għas-suespost, kwalunkwe danni jridu jiġu pruvati mill-atturi;*

   6. *Illi mingħajr preġudizziu għas-suespost, id-danni morali li qed jitolbu l-atturi mhumiex applikabli għal każ odjern.*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

**Provi**

3. Rat ix-xhieda tar-rikorrenti, **Andre Spiteri**, mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2019 (fol 19) w id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata, fosthom ritratt tas-sit fejn seħħ l-inċident (fol 32).

4. Rat ix-xhieda ta' **Maria Attard**, tfajla tar-rikorrenti Andre Spiteri, mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019 (fol 37), u rat ir-ritratti ġia eżebiti u minnha meħuda.

5. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Andre Spiteri mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019 (fol 39) u rat id-dokumentazzjoni relatati mal-introjtu tar-rikorrenti bħala impjegat tal-Water Services Corporation minnu ppreżentati li jkopru l-perjodu mis-17 ta' Awissu 2015 sas-7 ta' Ottubru 2019 (fol 42 sa 96).

6. Rat ix-xhieda tar-rikorrenti **John Spiteri**, missier ir-rikorrenti Andre Spiteri, mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019 (fol 98) u r-ritratti tal-mutur li kien qed jinstaq mir-rikorrenti Andre Spiteri, propjeta' ta' John Spiteri, u ppreżentati mill-istess John Spiteri fix-xhieda tiegħu (fol 97).

7. Rat ix-xhieda ta' **Anthony Saliba**, prodott mir-rikorrenti, dak iż-żmien impjegat bħala Warden mal-LESA, mogħtija fis-16 ta Diċembru 2019, u rat id-dokumentazzjoni eżebita, fosthom rapport tal-Pulizija datat 11 ta' Lulju 2017 (fol 116) flimkien ma' skizz tal-inċident (fol 124).

8. Rat illi, b'ordni tal-Prim Imħallef riżultat ta' riorganizzazzjoni tad-dmijiriet, fit-3 ta' Jannar 2020 il-kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif ippresjeduta.

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Vanessa Camilleri**, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2020 (fol 145) u rat il-*Vehicle Details Report* għall-mutur JBZ 898 minnha ppreżentat dakinhar (fol 149).

10. Rat illi, fuq talba tar-rikorrenti, fit-13 ta' Ottubru 2020 ġie maħtur it-Tabib Psikjatra Dr Joseph Cassar sabiex jeżamina lir-rikorrent Andre Spiteri mil-lat psikjatriku (fol 153).

11. Rat illi, fuq talba tar-rikorrenti, fit-13 ta' Ottubru 2020 ġie maħtur it-Tabib Konsulent Otropediku u Kirurgu Mr Massimo Abela sabiex jeżamina lir-rikorrent Andre Spiteri mill-lat ortopediku (fol 155).

12. Rat ir-rapport tat-**Tabib Psikjatra Dr Joseph Cassar** ippreżentat u maħluf fil-21 ta' Diċembru 2020 (fol 172 sa 176).

13. Semgħet ix-xhieda, permezz ta' video conferencing, tat-Tabib Konsulent Otropediku u Kirurgu **Mr Raymond Gatt** (fol 178) mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2020 u rat ir-rapport minnu redatt fis-16 ta' Mejju 2018, ġia ppreżentat in atti a fol 139, minnu kkonfermat bil-ġurament.

14. Rat ir-rapport tat-**Tabib Konsulent Otropediku u Kirurgu Mr Massimo Abela** ippreżentat u maħluf fis-26 ta' Jannar 2021 (fol 184 sa 189).

15. Semgħet ix-xhieda in eżami ta' Andre Spiteri mogħtija fid-19 ta' Frar 2021 (fol 196).

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Gary Mifsud**, prodott mir-rikorrenti, dak iż-żmien impjegat bħala Warden mal-LESA, mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2021 (fol 210).

17. Rat id-domanda in eskussjoni magħmula mir-rikorrenti lit-Tabib Konsulent Ortopediku u Kirurgu Mr Massimo Abela fit-30 ta' Lulju 2021 (fol 215) li għaliha rrisponda fit-3 ta' Settembru 2021 (fol 217) fin-negattiv.

18. Rat illi fil-11 ta’ Novembru 2021 il-Qorti ordnat lit-Tabib Konsulent Ortopediku u Kirurgu Mr Massimo Abela sabiex jerġa’ jeżamina lil Andre Spiteri sabiex jagħmel konstatazzjonijiet ulterjuri (fol 222).

19. Rat il-komunikazzjoni tat-Tabib Konsulent Ortopediku u Kirurgu Mr Massimo Abela datata 11 ta’ Novembru 2021 fejn għarraf lill-Qorti li huwa ma huwiex ser ikun jista’ jistabilixxi persentaġġ ta’ diżabbilta’ fuq l-irkoppa stante illi dina ma ġietx dokumentata mal-allegat inċident (fol 224).

20. Rat illi fl-1 ta’ Frar 2022, l-inkarigu addizzjonali lit-Tabib Konsulent Ortopediku u Kirurgu Mr Massimo Abela ġie revokat.

21. Rat illi fl-1 ta’ Frar 2022 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

22. Rat id-domandi in eskussjoni illi saru lit-Tabib Psikjatra Dr Joeph Cassar da’ parte ta’ l-intimati fil-21 ta’ Ġunju 2022 (fol 242), għal-liema domandi huwa rrisponda fit-18 ta’ Awissu 2022 (fol 257).

23. Semgħet ix-xhieda ta’ l-intimat **Malcolm John Cachia** mogħtija fil-21 ta’ Ġunju 2022 (fol 244) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata, ossia ħlas illi sar mis-soċjeta' Mapfre Middlesea bħala assikuratriċi tar-rikorrenti (fol 252).

24. Semgħet ix-xhieda ta’ **Etienne Aquilina**, passiġġier ma’ l-intimat Cachia dakinhar tal-inċident, mogħtija fil-21 ta’ Ġunju 2022 (fol 253).

25. Semgħet ix-xhieda ta’ **Christopher Jones**, rappreżentat tas-soċjeta' ta’ assikurazzjoni Untours, bħala assikuratriċi tar-rikorrent u mogħtija fil-21 ta’ Ġunju 2022 (fol 259).

26. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, ta’ Etienne Aquilina, mogħtija fit-23 ta’ Frar 2023 (fol 275).

27. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, ta’ Malcolm John Cachia, mogħtija fit-23 ta’ Frar 2023 (fol 279).

28. Rat illi fit-23 ta’ Frar 2023, il-provi ġew dikjarati magħluqa mill-partijiet u l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni finali.

29. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partjiet illi saret fil-15 ta’ Novembru 2023, wara liema trattazzjoni, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

30. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti, illi, fil-11 ta’ Lulju 2017, ir-rikorrent Andre Spiteri kien qiegħed isuq il-mutur Yamaha bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBZ898, propjeta’ ta’ missieru John Spiteri, meta spiċċa involut f’inċident tat-traffiku illi kkawżaw kemm ħsarat fil-mutur kif ukoll ġrieħi gravi fuq ir-rikorrent Andre Spiteri stess.

31. Jirriżulta illi, fil-11 ta’ Lulju 2017, ir-rikorrent Andre Spiteri kien qiegħed isuq ġewwa Triq Ħal Farruġ, ġej mid-direzzjoni ta’ Ħal-Luqa u sejjer lejn is-Siġġiewi, meta viċin

il-kumpless magħruf bħala Montekristo, huwa ltaqa’ ma’ traffiku kkawżat minn attivita’ kummerċjali, ossija fiera, illi kienet qiegħda tinżamm dak iż-żmien ġewwa l-artijiet ta’ Montekristo.

32. Jirriżulta illi huwa pproċeda sabiex isuq fuq il-parti ta’ barra tal-karreġġjata tiegħu sabiex jgħaddu l-vetturi weqfin u li kienu mal-ġemb tal-karreġġjata u jkompli sejjer lejn is-Siġġiewi.

33. Jirriżulta illi, madanakollu, mument minnhom, hekk kif kien għaddej b’din il-manuvra, il-vettura misjuqa minn Malcolm John Cachia, ossija Toyota Vitz Nru BBV467, illi kienet wieqfa sabiex iddur fuq il-lemin tal-karreġġjata u tidħol ġo għalqa biswit il-kumpless ta’ Montekristo illi kien qiegħed jintuża bħala parkeġġ, bdiet il-mavura sabiex tidħol ġewwa l-parkeġġ, u għalhekk bdiet taqsam il-karreġġjata b’mod illi spiċċat laqtet il-mutur misjuq mir-rikorrent Andre Spiteri u tajritu varji metri ‘l-quddiem.

34. Jirriżulta illi, riżultat ta’ dana l-akkadut, r-rikorrent Andre Spiteri sofra ġrieħi gravi f’ġismu, inkluż f’idu x-xellugija u riġlu x-xellugija, filwaqt illi r-rikorrent John Mary Spiteri sofra danni fi ħsarat fil-mutur tiegħu.

## Ikkunsidrat

35. Jirriżulta illi, fost ix-xhieda riprodotti quddiem dina l-Qorti, ttellgħu żewġ gwardjani, ossija Wardens, illi kienu preżenti dakinhar jassistu fil-parkeġġ ġewwa l-kumpless ta’ Montekristo, ossija, Anthony Saliba (fol 103) u Gary Mifsud (fol 210).

36. Ix-xhieda ta’ Gary Mifsud ftit li xejn tista’ titqies illi kienet waħda attendibbli, peress illi saħaq li l-inċident kien ‘*head on collision*’, ossija vetturi ġejjin f’direzzjonijiet opposti, meta attwalment l-inċident seħħ bejn il-vetturi meta kienu t-tnejn sejrin fl-istess direzzjoni. Sussegwentement, l-istess Mifsud beda jivvinta verżjonijiet varji, indikazzjoni ċara illi ma kienx qiegħed jixhed is-sewwa.

37. Ix-xhieda ta’ Anthony Saliba, mill-banda l-oħra, hija ftit aktar attendibbli, fejn huwa stqarr illi huwa ra lir-rikorrent itir minn fuq il-mutur, li kien ittajjar fid-direzzjoni tal-għalqa fejn kienu qed jiddaħħlu l-vetturi, u kemm il-mutur kif ukoll ir-rikorrent Andre Spiteri spiċċaw ġewwa l-għalqa, kif jidher fl-iskizz tal-Pulizija minnu stess ppreżentata, u li tinstab a fol 124. Huwa stqarr wkoll illi t-triq fejn seħħ l-akkadut, ossija Triq Ħal Farruġ, hija triq li għandha biss lane wieħed f’kull karreġġjata, u hija triq pjuttost dejqa. Stqarr ukoll illi, “*mingħalih*”, il-vettura ta’ l-intimat Cachia kienet qiegħda wieqfa fil-karreġġjata tax-xellug, direzzjoni lejn is-Siġġiewi, bl-indicator mixgħula biex jaqsam il-karreġġjata opposta w jidħol fl-għalqa tal-parkeġġ fejn kien qiegħed il-Warden. Madanakollu, mistoqsi sabiex jikkonferma dak illi kien qal lill-Pulizija dakinhar tal-akkadut, jistqarr illi ma jiftakarx ma’ liema vettura ħabat il-mutur (fol 113).

38. Fix-xhieda tal-Warden Anthony Saliba, ġie prodott ir-rapport tal-Pulizija magħmul dakinhar, liema rapport, għalkemm mhux ikkonfermat minn ebda Pulizija fil-proċeduri odjerni, għandu valur probatorju konsiderevoli għal kif seħħ l-akkadut.

39. Jirriżulta illi f’tali Rapport, Rapport Nru NPS 5/K/1380/2017, hemm il-verżjonijiet tal-fatti kif rakkontati dakinhar tal-akkadut lill-Pulizija, liema verżjonjiet ikun opportun illi jiġu hawn riprodotti.

40. Jirriżulta illi r-rikorrent Andre Spiteri kellu dan xi jgħid dakinhar:

> *Jiena kont għaddej minn Triq Ħal-Farruġ minn naħa ta' Ħal-Luqa lejn is-Siġġiewi għaliex kont għadni kif spiċċajt mix-xogħol. Wara li taqbeż Monte Cristo hemm curve imbagħad tiġi triq dritta man naħa tar-runway. Fil-biċċa d-dritta, t-traffiku kien wieqaf u l-maġġoranza tal-karozzi kienu man-naħa tal-fence tal-airport. Osservajt li mill-faċċata ma kinux ġejjin karozzi u għalhekk bdejt naqbeż il-karozzi bil-mod. Kif wasalt madwar 3 metri l-bogħod mill-karozza li sar l-aċċident magħha kiser mingħajr ma ndika, u wara xegħel l-indicator. Jiena kont għaddej madwar 30kms pero' ma kellix ċans nibbrejkja u kien hu li laqatni u b'hekk li jien spiċċajt għal ġol-parkeġġ għaliex bid-daqqa tqandilt bil-mutur b'kollox u mad-daqqa jiena u l-mutur ma bqajniex flimkien.*

41. Jirriżulta illi l-intimat Malcolm Cachia kellu dan xi jgħid:

> *Jien kont ġej minn naħa tal-Fiera direzzjoni lejn Ta' Kandja, kif wasalt fl-entratura tal-parkeġġ tal-Fiera l-warden li kien qiegħed fl-entratura tal-parkeġġ għamilli sinjal biex nidħol fil-parkeġġ. Jiena xgħelt l-indicator u kif rajt li ma kinux ġejjin vetturi minn naħa l-oħra, kif kont dieħel fil-parkeġġ nisma' ħabta miegħi man-naħa tiegħi tax-xufier. Li naf rajt persuna u mutur fl-arja. X'ħin rajt hekk pruvajt niskapulah u bqajt dieħel f'kantun li hemm mal-ġenb ta' fejn l-arblu tal-injam. Minn hemm tlift il-kontroll tal-vettura tiegħi u tellajt il-handbrake mal-ewwel u waqaft għan-nofs tat-triq. Jiena dak il-ħin kien hemm preżenti l-wardens u nies li jieħdu ħsieb il-Fiera. Li rrid ngħid hu li kont ġejt infurmat mill-wardens li tal-mutur kien ġej mid-direzzjoni li kont ġej minnha jien fejn qabeż tliet vetturi b'veloċita qawwija.*

42. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, minkejja illi l-intimat Cachia jistqarr mal-Pulizija illi kien ġie infurmat mill-wardens li l-mutur kien ġej b' veloċita' qawwija, dana il-fatt ma ġiex la msemmi u wisq anqas ikkonfermat mill-istess wardens meta xehdu quddiem dina l-Qorti.

43. Jirriżulta illi fix-xhieda tiegħu quddiem dina l-Qorti, Andre Spiteri stqarr illi kien hemm traffiku qawwi ftit aktar 'l hinn mid-daħla tal-Montekristo Estates, tant illi t-traffiku kien wieqaf. Huwa ra tlett vetturi weqfin quddiemu, illi kienu lkoll mal-ġemb tal-karreġġjata b'mod illi seta' jgħaddihom mill-parti ta' barra tal-karreġġjata. Imbagħad Spiteri jkompli jgħid hekk: (fol 22)

> *Malli qbiżt, għamilt traffic filtering ta' l-ewwel żewġ vetturi. X'ħin wasalt eżatt mal-vettura li kelli l-aċċident magħha, jiġifieri fil-ġenb tagħha min-naħa tal-lemin tal-karozza, jiġifieri jiena ovvjament it-traffic filtering għamiltu min-naħa ta' barra tat-triq, <u>malli wasalt miegħu kiser ġo fija u jien spiċċajt ġo l-għalqa jiġifieri mort direzzjoni 90 degrees ġo l-għalqa u jien u l-mutur isseparajna</u>.* (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

44. Jirriżulta illi, mill-banda, l-initimat Malcolm Cachia, dwar l-akkadut jgħid is-segwenti:

> ***Ix-Xhud:***
> *Mela wasalt fejn l-entratura tal-parkeġġ, jiena mal-ewwel xgħelt l-indicator, għax jiena ridt nuri lill-karozzi ta' warajja erm li kienu sejrin, dawn mhux*

*kulħadd kien sejjer il-fiera, kien min, dan ridt jurihom li jiena bilfors ridt nieqaf biex nidħol il-fiera, u dawn ma setgħux jaqbżuni, il- għaliex;*

***Dr. Christine Calleja:***
*U x' karozzi kien hemm warajk? Kien hemm karozzi? Kif kien?*

***Ix-Xhud:***
*Ma nafx kemm kien hemm, kien hemm iktar minn waħda żgur.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Kien hemm aktar karozzi warajk?*

***Ix-Xhud:***
*Iva iva kien hemm aktar karozzi warajja għax ħarist mill-mera.*

***Dr. Christine Calleja:***
*All right. U n-naħa l-oħra?*

***Ix-Xhud:***
*In-naħa l-oħra wkoll, il-karozzi kienu ġejjin, erm tipo ma kienx hemm traffiku mwaħħal pero l-karozzi kienu ġejjin il-ħin kollu.*

***Il-Qorti:***
*Iġifieri mis-Siġġiewi ngħidilha jien.*

***Ix-Xhud:***
*Eżatt. Mis-Siġġiewi eżatt, mis-Siġġiewi kienu ġejjin il-karozzi frekwenti. Erm jiena wara li xgħelt l-indicator, kien hemm żewġ wardens illi kienu, wieħed minnhom fl-entratura u l-ieħor kien iktar fuq wara, forsi kien qed jagħmel;*

***Il-Qorti:***
*Fl-entratura tal-parking iġifieri.*

***Ix-Xhud:***
*Tal-parking. Dan kien qed jagħti sinjal meta l-karozzi jistgħu jidħlu, erm, iġifieri jiena ridt nistenna s-sinjal tiegħu dan biex biex dħalt, biex nidħol fil-parkeġġ, iġifieri ma stajtx naqbad u nidħol erm meta ridt jiena jew;*

***Dr. Christine Calleja:***
*Mela ħa mmorru lura qabel ma tak is-sinjal, mela inti qiegħed wieqaf għidtilna.*

***Ix-Xhud:***
*Qiegħed wieqaf.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Xgħelt l-indicator.*

***Ix-Xhud:***
*L-indicator mixgħul, il-karozzi ta' warajja waqfu kollha.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Mhm?*

***Ix-Xhud:***
*Jistennew lili nidħol.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Mhm.*

***Ix-Xhud:***
*U bdejt nistenna il … is-sinjal minn naħa tal-warden li kien fl-entratura.*

***Dr. Christine Calleja:***
*U l-karozzi minn naħa l-oħra għidt;*

***Ix-Xhud:***
*Il-karozzi minn naħa l-oħra ifhimni dawn baqgħu għaddejjin normali, dawn ma qagħdux jistennew lili. Erm, kif il-warden li kien mal-entratura għamilli is-sinjal li clear, jien nista' nidħol, jiena ħarist lejn il-mera, il-mirja u ħarist minn faċċata.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Lejn liema mirja ħarist?*

***Ix-Xhud:***
*Il-mera tan-nofs u l-mera tal-genb.*

***Dr. Christine Calleja:***
*All right.*

***Ix-Xhud:***
*U imbagħad, qabel qabel qlajt biex nidħol fil-parkeġġ, ħarist lejn faċċata biex nara l-karozzi.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Faċċata minn fejn kienu ġejjin mid-direzzjoni opposta.*

***Ix-Xhud:***
*Minn faċċata minn fejn kienu ġejjin minn ta' Kandja għal Ħal Luqa.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Ftehmna.*

***Ix-Xhud:***
*Erm kif kien kollox clear, bdejt dieħel bil-mod fil-parkeġġ fejn kien hemm il-warden, warrabli.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Mela sekonda sekonda, qabel ma dħalt fil-parkeġġ, mela rajt li kollox clear.*

***Ix-Xhud:***
*Iva.*

***Dr. Christine Calleja:***
*U bdejt iddur fuq il-lemin tiegħi.*

***Ix-Xhud:***
*Eżatt.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Issa kemm ilħaqt dort fuq il-lemin tiegħek? Iġifieri il-karreġġjata ta' ħdejk ilħaqt qsamtha kollha? Lħaqt dħalt fil-parkeġġ?*

***Ix-Xhud:***
*Kont dieħel eżatt fil-parkeġġ, iġifieri jiena kont dort kompletament, mhux dort ftit. Infatti, jiena u dieħel fil-parkeġġ ħassejt daqqa kbira, impatt qawwi mal-bieba tiegħi, mal-bieba tan-naħa tiegħi.*

***Ix-Xhud:***
*Tax-xufier, erm dak il-ħin, ifhimni ħasda kbira. Erm, jiena nara nara mutur u persuna fl-arja, dak il-ħin, iġifieri xena li qatt ma hi ħa titlaq minn quddiem għajnejja. Dak il-ħin wkoll moħħi qalli isma' ikser l-isteering in-naħa l-oħra ta' fejn sar l-inċident.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Iġifieri lejn ix-xellug.*

***Ix-Xhud:***
*Ħalli jiena, ħalli jiena ma ntajjar il-ħadd jew il-karozza tiegħi, il-vettura tiegħi ma tmur fuq ħadd. B'konsegwenza ta' dan il-vettura tiegħi baqgħet dieħla ġo ċint, kien hemm ċint bil-knatan. Ma waqfitx xorta, l-impatt tant kien qawwi li ma waqfitx xorta il-vettura, u spiċċajt in-naħa l-oħra, kont dieħel f' arblu.*

***Il-Qorti:***
*In-naħa l-oħra x'iġifieri?*

***Ix-Xhud:***
*Naħa kont spiċċajt fin-naħa tal-karreġġjata tiegħi. Fejn kont qed insuq, iġifieri minn ...*

***Il-Qorti:***
*Erġajt dort għal fuq il-karreġġjata tiegħek.*

***Ix-Xhud:***
*Eżatt.*

***Dr. Christine Calleja:***
*Mil-lemin dort fuq ix-xellug biex ...*

***Ix-Xhud:***
*Fuq ix-xellug, wara wara li qlajt daqqa fuq iċ-ċint, ma stajtx inwaqqafha b' xejn il-vettura iġifieri, il ... il-pedala, sieqi tirtgħod fuq il-pedala tal-break u li ma bediex jagħmel effett, u kont dieħel f'arblu tad-dawl tan-naħa l-oħra, ta' fejn kont qed insuq jien, u mn'alla qbadt u tellajt il-hand break għax forsi illum m' iniex hawn prattikament.*

45. Hawnhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, filwaqt illi dakinhar tal-akkadut, Cachia qal lill-Pulizija illi huwa xegħel l-indicator **biss** meta l-wardens indikawlu biex jidħol, fix-xhieda quddiem dina l-Qorti stqarr illi malli waqaf, xegħel l-indicator u sussegwentement stenna biex jgħidulu biex jaqsam. Tali inkonsistenza twassal lill-Qorti tikkonkludi illi kienet aktar plawsibbli illi attwalment huwa xegħel l-indicator meta beda jdur u mhux qabel!

**Responsabbilta'**

46. Il-Qorti tqis illi hawnhekk hija għandha tqis u tikkunsidra r-responsabbilta' tal-akkadut fuq min taqa'.

47. Dwar responsabbilta' u sewqan traskurat, il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs. Alfred Mifsud** fejn intqal illi:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixx minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat."*

48. Referenza ssir ukoll għal-deċiżjoni oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija vs. Antonio Spiteri** fejn intqal illi:

> *"Sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."*

49. Fil-każ odjern, għandu jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi kif jidher fir-ritratt esebit a fol 32 tal-proċess, it-triq fejn seħħ l-akkadut hija triq pjuttost dejqa illi tippermetti karreġġjata waħda f'kull direzzjoni, u jidher ċar illi l-karreġġati huma delinjati b'linja kontinwa bajda, illi hija indikazzjoni ċara illi ma jista' jsir ebda inkursjoni fil-karreġġjata opposta **bl-ebda mod**.

50. Jirriżulta, iżda, illi l-intimat Malcolm Cachia, waqqaf il-vettura tiegħu fit-triq u stenna sabiex jingħata struzzjonijiet mill-wardens illi kien stazzjonati ġewwa għalqa 'l hinn mill-karreġġjata opposta, sabiex jidħol fil-parkeġġ illi kien ġie allestit bħala parti mill-fiera illi kienet qiegħda tiġi organizzata ġewwa l-kumpless ta' Montekristo.

51. Jirriżulta illi, eventwalment, l-intimat Malcoln Cachia, hekk kif il-wardens tawh l-istruzzjoni sabiex jidħol, qabad u qabeż il-linja l-bajda kontinwa u beda dieħel fil-

parkeġġ hekk kif ivverifika jekk quddiemu kienx hemm traffiku – madanakollu, it-traffiku kien attwalment ġej minn warajh, u dana ma indunax bih!

52. Jirriżulta wkoll lil dina l-Qorti, mir-ritratt eżebit a fol 33 tal-proċess, illi ftit aktar 'l hinn minn fejn l-intimat Malcom Cachia għamel il-manuvra tiegħu, kien hemm roundabout illi fiha huwa seta' jdur u jidħol fil-karreġġjata opposta b'mod legali u b'hekk ikun jista' jidħol fil-parkeġġ mingħajr ma jaqsam illegalment il-linji tal-karreġġjata w mingħajr ma jwaqqaf traffiku ġej.

53. Jidher, iżda, illi Malcolm Cachia ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku u, minflok ma dar mar-roundabout illi hemm ftit aktar 'il fuq, huwa qabad u waqaf fil-karreġġjata, kkawża konġestjoni b' karozzi weqfin warajh, qabad u qasam il-karreġġjata l-bajda kontinwa u qasam għal fuq il-karreġġjata tal-lemin, biex b'hekk ikkawża l-impatt mal-mutur misjuq minn Andre Spiteri, illi kien qiegħed jagħmel manuvra ta' surpass fil-karreġġjata tiegħu stess, permessibbli mil-Liġi.

54. Naturalment, il-Qorti ma tistax ma tesprimix it-tħassib serju tagħha dwar il-komportament tal-Wardens illi suppost qegħdin hemm sabiex jassikuraw li ħadd ma jikser il-Liġi, iżda li jidher li minflok għażlu illi jissoleċitaw lill-intimat Cachia sabiex jikser il-Liġi meta indikawlu biex jistenna ftit u wara sabiex jibda jaqsam il-karreġġjata – ċertament l-aġir irresponsabbli tagħhom xejn ma għen għall-akkadut.

55. Għaldaqstant, il-Qorti ma għandha ebda eżitazzjoni tgħid illi l-intimat Malcolm John Cachia kien responsabbli esklussivament għall-inċident meritu tal-kawża odjerna, liema inċident seta' kellu eżitu ferm agħar.

**Danni**

<u>*Damnum emergens*</u>

56. Din il-Qorti tirrileva illi tul il-proċeduri odjerni, għajr għall-preżentata ta' *pay slips* għall-perjodu bejn is-17 ta' Awissu 2015 u s-7 ta' Ottubru 2019, huwa ma ressaq ebda dokumentazzjoni la in kwantu jirrigwarda danni materjali sofferti mir-rikorrent Andre Spiteri u wisq anqas dwar danni sofferti minn John Spiteri fuq il-mutur tiegħu, liema mutur, skond ix-xhieda ta' John Spiteri stess (fol 99) mogħtija fit-13 ta' Novembru 2019, kien għadu fl-istess stat li kien wara l-inċident.

57. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma tistax takkorda ebda somma lir-rikorrenti bħala Damnum emergens

<u>*Lucrum Cessans*</u>

58. Hawnhekk il-Qorti tqis illi għandha tibda billi tagħmel referenza għall-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid li:

> *"Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."*

59. Referenza trid issir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini vs. Antione Cachia** fejn il-Qorti qalet:

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."*

60. Dwar il-prinċipji illi jirregolaw il-kwantifikazzjoni tad-danni, il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Debono vs. Malta Drydocks**, fejn ġie stabbilit illi:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

61. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni u l-multiplier li għandu jigi adottat, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Ransley et vs. Edward Restall et**, fejn il-Qorti qalet:

> *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.*
>
> *...*
>
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler vs Heard, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-*

*danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."*

62. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-espert tal-Qorti, it-Tabib Psikjatra Dr Joseph Cassar, wara illi eżaminah, u anke wara illi ġew mistoqsija lilu domandi in eskussjoni, ikkonkluda illi "*fil-preżent, huwa jsofri minn ansjeta' u nervożi trawmatika (Post Traumatic Stress Disorder) b'rata ta' diżabbilta' ta' 8%.*" (fol 174).

63. Jirriżulta wkoll illi, l-espert tal-Qorti, it-Tabib Konsulent Kirurgu Ortopediku Mr Massimo Abela, wara illi eżaminah, u anke wara illi ġew mistoqsija lilu domandi in eskussjoni, ikkonkluda illi "*ir-rata ta' diżabilita' permanenti ta' Andre Spiteri tammonta għal 3%*" (fol 188). Għandu jingħad illi tali rata kienet ġiet anke stabbilita mit-Tabib Konsulent Kirurgu Ortopediku Mr Raymond Gatt, imqabbad preċendentement privatament mir-rikorrent. (vide fol 141)

64. Jirriżulta, għalhekk, illi d-diżabbilta' fit-totalita' tagħha tammonta għal persentaġġ ta' **ħdax fil-mija (11%)**.

65. Jidher illi, dwar introjtu tiegħu, fis-sena 2017, l-introjtu tiegħu netta kien ta' €12,154.21 (vide fol 66) filwaqt illi dik fis-sena 2018 kien ta' €13,108 (vide fol 53). Jirriżulta wkoll illi, mid-dokumentazzjoni ppreżentata sa' l-aħħar ta' Ottubru, l-introjtu tiegħu kien ta' €11,788.41.

66. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi kull sena l-introjtu tiegħu kien jizdied b'madwar €1,000 fis-sena. Għalhekk, applikat tali argument, fuq medda ta' ħames snin, osija sas-sena 2022, il-paga netta annwali hija prospettata illi titla' sa €16,108.

67. Għalhekk, il-Qorti tqis illi s-salarju bażiku fuq liema tista' tistrieħ il-Qorti għandu jkun ta' medja bejn dak perċepit fis-sena 2017, ossija €12,154, u dak prospettat illi seta' jipperċepixxi fis-sena 2022, ossija €16,108, liema medja hija ta' **erbatax il-elf, mija u wieħed u tletin Euro (€14,131)**.

68. Fejn jirrigwarda *multiplier*, jirriżulta illi fid-data tal-akkadut, l-attur Andre Spiteri kellu l-eta ta' 25. Ikkunsidrat illi abbażi tal-ġurisprudenza nostrana tali multiplier għandu jitqies sad-data tal-irtitrar ta' ħamsa u sittin sena (65), u kkunsidrat illi madanakollu, abbażi ta' ġurisprudenza fuq ċitata, tali multiplier għandha jkollha fiha wkoll "ċertu sens ta' ġustizzja", il-Qorti tqis illi l-multiplier ġust li għandu jiġi applikat fil-każ odjern, anke in vista tal-fatt illi, mill-payslips eżebiti, jidher illi tul is-snin ir-rikorrent ma sofra ebda riduzzjoni finanzjarja konsiderevoli, għandha tkun ta' tletin (30) sena.

69. Finalment, fejn jirrigwarda tnaqqis għal lump sum payment, il-ġurisprudenza nostrana hija illi jkun hemm tnaqqis ta' tnejn fil-mija 2% għal kull sena li tgħaddi wara li jgħaddu tlett snin. Fil-każ odjern, minkejja illi l-kawża bdiet fis-sena 2019, wieħed għandu jikkunsidra illi mis-sena 2020, minħabba il-pandemija Covid, il-Qrati kienu magħluqin għal perjodu konsiderevoli fis-snin 2020 u 2021. Apparti minn hekk, il-kawża odjerna marret għas-sentenza fil-15 ta' Novembru 2023. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma jkunx ġust u opportun illi dina l-Qorti tapplika t-tnaqqis hawn fuq ikkontemplat.

70. Għaldaqstant, ikkunsidrat dana kollu, fejn jirrigwarda il-kumpens ta' lucrum cessans illi għandu jiġi likwidat, dana għandu jkun kalkulat fuq is-salarju medja ta' **erbatax il-elf, mija u wieħed u tletin Euro (€14,131) li għandu jkun kalkulat għal tletin (30)**

**sena u fuqu maħdum il-persentaġġ ta' ħdax fil-mija (11%) – dana jagħmel total ta' sitta u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro (€46,632).**

**Ikkunsidrat**

71. In finali, qabel ma tgħaddi għad-deċizjoni tagħha, din il-Qorti tqis illi għandha tagħmel referenza għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' assikuratriċi Argus, fejn ikkontendiet illi hija ma kinetx il-leġittimu kontradittur. Hawnhekk il-Qorti illi, filwaqt illi in prinċipju taqbel ma' tali linja difensjonali, stante illi huwa minnu illi l-pretensjoni li kellhom ir-rikorrenti kien prettament wieħed kontra l-intimat Malcolm Cachia, u mhux wieħed kontra s-soċjeta' intimata assikuratriċi, mil-lat prattiku, huwa fatt illi s-soċjeta' assikuratriċi, fl-aħħar mill-aħħar, a tenur tal-Kap 104, kienet ser tkopri l-pretensjoni likwidata kontra l-assikurat tagħha, Malcom Cachia, w kien fl-interess ta' l-istess soċjeta' assikuratriċi illi tkun parti fil-kawża odjerna, fejn il-Qorti tippresumi li, f'każ li ma kinetx saret il-kawża kontra tagħhom, huma kienu jintervjenu fil-każ għal kull interess illi jista' jkollhom.

72. Għalhekk, tali eċċezzjoni ma hijiex qiegħda tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati, u għalhekk filwaqt illi:

**Tiċħad** ir-raba' u ħames talbiet, stante illi mhux ippruvati;

**Tilqa'** l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba kif dedotti u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi l-intimat Malcolm John Cachia huwa unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra kollha sofferti minn Andre Spiteri b'konsegwenza ta' dak li seħħ fil-11 ta' Lulju 2017;

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti Andre Spiteri fl-ammont ta' **<u>sitta u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro (€46,632)</u>**, u dana kif fuq aħjar spjegat.

**Tikkundanna** lill-intimati Malcolm John Cachia u s-soċjeta' assikuratriċi Argus Insurance Company (Europe) Ltd, in solidum bejniethom, sabiex iħallsu lir-rikorrenti Andre Spiteri s-somma ta' **<u>sitta u erbgħin elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro (€46,632).</u>**

Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż ta' l-ittra ġudizzjarja 2485/2018 kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**